MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2012

Numru. 40/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Chris Pullicino]**

**vs**

**Anthony Bonnici**

**Kumpilazzjoni Numru: 40/2010**

**Illum, 25 ta’ Gunju 2012**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra Anthony Bonnici, ta’ 38 sena, iben Joseph u Gina nee’ Sciberras, imwieled fit-08 ta’ Ottubru, 1970 fil-Pieta, residenti fil-fond Block 1, Flat 5, Triq il-Gnien, Santa Lucija jew 49, Triq Santu Wistin, Tarxien u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 436770(M).

Akkuzat talli

1. Nhar l-10 ta’ Gunju, 2009, f’ xi hin bejn l-erbgha u l-hamsa ta’ wara nofs nhar, go Triq ir-Ridott f’ Marsaskala, ikkommetta serq ta’ apparat tal-hi fi u zewg uniformijiet minn vettura tat-tip Volkswagen Polo bin-numru tar-registrazzjoni FBL 879 ghad-dannu ta’ Charlene Falzon u/jew persuni ohra, Malta Post Plc u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2, 329.37), u bix-xorta tal-haga misruqa.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’ qerq jew akkwistati b’ reat, sew jekk dan isir f’ Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’ kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ fuq vettura tat-tip Volkswagen Polo bin-numru tar-registrazzjoni FBL 879 ghad-dannu ta’ Charlene Falzon u/jew persuni ohra, liema hsara ma tiskorrix il-mija u sittax –il Euro u sebgha u erbghin centezmu

Rat l-artikoli 261(b)(c)(g), 263, 267, 271, 334 u 351(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jitratta serq ta’ stereo u zewg uniformijiet minn go vettura.

Illi nhar l-10 ta’ Gunju 2009 certa Charlene Falzon ipparkjat il-karozza taghha ta’ tip Volkswagen Polo b’numru ta’ registrazzjoni FBL 879 fi Triq ir-Ridott Marsaskala. Fil-vettura kien hemm l-uniformi taghha u ta’ habiba taghha Antoinette Borg; huma kienu jahdmu mal-Maltapost. Meta wara xi ftit tal-hin Falzon u Borg (flimkien ma’ persuna ohra) irritornaw fil-vettura innutaw li wahda mill-quarter windows ta’ wara kienet imkissra u li mill-vettura naqsu iz-zewg uniformijiet u l-istereo.

Illi wara ezamijiet forsensici li saru fuq il-vettura gew elevati xi impronti minn fuq il-bieba ta’ wara vicin tal-quarter window imkissra. Mill-investigazzjonijiet li ghamlu il-pulizija rrizulta li dawk l-impronti kienu ta’l-imputat. Huwa gie arrestat u waqt l-interrogazzjoni tieghu rrilaxxja stqarrija. F’din l-istqarrija huwa cahad l-involviment f’dan l-akkadut hekk kif cahad li huwa kien Marskala fil-gurnata in ezami.

Illi fil-kors tal-proceduri odjerni ttiehdu l-impronti digitali ta’l-imputat u sar ezami komparattiv ma’l-impronti elevati mill-pulizija minn fuq il-vettura; gie konfermat li uhud mill-impronti elevati min-naha ta’ barra tal-vettura kienu jaqblu ma’ dawk ta’l-imputat.

Illi din hija l-unika prova li a bazi taghha l-prosekuzzjoni qed torbot lill-imputat ma’l-akkadut. Ix-xhieda l-ohra li tressqu ma raw xejn u ma qalu xejn li jista’ jorbot lill-imputat max-xena tad-delitt jew ma l-oggetti misruqa. Ghandu jinghad li lanqas ma nstabu l-oggetti misruqa fil-pussess ta’l-imputat jew b’xi mod iehor taht il-kontroll tieghu. Fil-verita lanqas ma tressqet xi prova li qatt kienu fil-pussess tieghu.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat huma dik ta’ serq aggravat, ricettazzjoni, u hsara volontarja fil-vettura fuq imsemmija.

Illi l-principji regolaturi dwar impronti digitali li jinstabu fuq in-naha barra ta’ vettura jew f’positjiet publici huma ben stabbiliti fil-gurisprudenza taghna. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fil-kawza *Il-Pulizija vs Anthony Abela* fit-28 ta’ Mejju 1998 gie stabbilit li ghalkemm il-prova ta’l-impronta digitali wahedha tista’ tkun sufficjenti biex tissodisfa l-oneru tal-prova tal-prosekuzzjoni u li legalment mhux necessarju li jkun hemm xi korroborazzjoni, pero dan ma jistghax japplika f’kull kaz b’mod assolut. Il-Qorti ta’l-Appell Kriminali f’dak il-kaz wara li kkonstata li l-impronta digitali ta’ l-appellant instabet fuq il-post tas-serqa, hanut, qalet li dan huwa “*post espost ghall-pubbliku fejn ta’ kuljum imorru n-nies u li certament hafna minnhom ihallu t-tracci taghhom warajhom hemmhekk, tracci bhal ma huma impronti digitali u palmari. Dan ifisser, allura, li kull min halla l-marka tas-swaba tieghu hemm hekk bilfors ghandu jkun suspettat tas-serqa li saret minn dak il-hanut? F’kaz fejn ghandek post pubbliku bhal hanut, knisja, cinema, hwienet tax-xorb, diskoteki, fejn dan ta’ kuljum huma ffrekwentati minn mijiet ta’ nies, certament ma jistax jinghad li legalment is-sejba ta’ marka ta’ swaba ta’ xi hadd f’dawk il-postijiet, wahedha, hija sufficjenti biex issib htija fuq sid dik il-marka, irrispettivament minn min effettivament hi dik il-persuna. Kienet tkun haga ferm differenti li kieku l-post derubat kien xi residenza privata u jigi stabbilit li s-suspettat li nstabu l-impronti digitali tieghu fuq il-post, qatt ma kien dahal fih u li d-derubat qatt ma kien jafu jew li kien dahhlu fir-residenza tieghu. F’dan il-kaz, il-prova ta’l-impronta wahedha hija sufficjenti biex il-Qorti tista’ ssib htija. Izda fil-kaz ta’ postijiet pubblici, din il-prova tinnecessita’ korroborazzjoni*.” [1]

Illi kif diga ntqal l-unika prova li tressqet u li a bazi taghha l-prosekuzzjoni qed torbot lill-imputat mas-serq ta’l-uniformijiet u l-istereo hija l-mpronti li nstabu fuq in-naha ta’ barra tal-vettura li minnha nsterqu l-oggetti imsemmija. Din pero wahedha mhux prova sufficjenti; ghalkemm hija prova li tqanqal suspett ragonevoli li seta’ kien l-imputat li ikkommetta s-serq mhiex prova ‘l hemm minn kull dubbju

[1] Dan il-principju gie riaffermat f’diversi sentenzi ohra tal-Qrati taghna.

dettat mir-raguni li l-imputat kien il-persuna li kkommettiet is-serq.

Illi ghalhek l-ewwel imputazzjoni dwar serq aggravat ma gietx pruvata.

Illi ghall-istess ragunijiet ma jistax jinghad li t-tielet imputazzjoni, cioe dik ta’ hsara volontarja ikkawzata fil-vettura li minnha insterqu l-oggetti imsemmija, giet sodisfacjentement pruvata.

Illi t-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik ta’ ricettazzjoni. Pero fir-rigward ta’ din l-imputazzjoni ma ngiebet l-ebda prova li l-uniformijiet jew l-istereo qatt kienu fil-pussess ta’l-imputat. Ghalhekk lanqas din l-imputazzjoni ma giet pruvata.

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------